MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 204/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Albert Palmier**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Jannar 2011 u fix-xhur u snin ta' qabel, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' April, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabet lill-appellant hati u kkundannatu xaharejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' April, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata fis-sens li tiddikjarah mhux hati skond il-ligi u konsegwenza t'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, fl-eventwalita` li din il-Qorti ssib htija, tvarja l-piena billi thassar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u minflok tinfliggi piena aktar miti minhabba c-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok mhuwiex car ghal liema perjodu l-appellant gie misjub hati peress li c-citazzjoni kif redotta hija *" .....ghax-xahar ta' Jannar 2011 u fix-xhur u snin ta' qabel ......"* meta l-ligi hija cara u titkellem fuq preskrizzjoni ta' sitt xhur minn notifika fuq l-akkuza li dwaraha gie misjub hati mill-Ewwel Qorti;
2. Illi l-appellant fil-fatt gie notifikat f'April u allura jekk xejn din l-akkuza tregi biss ghax-xhur ta' Ottubru, Novembru, Dicembru u Jannar;
3. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam max-xahar ta' Ottubru 2010 kif diga msemmi aktar il-fuq, fl-24 ta' Jannar 2011 l-appellant kien diga` gie mressaq mill-prosekuzzjoni quddiem l-istess Qorti tal-Familja kif preseduta fis-seduta li fiha l-appellant instab hati u qieghed jinterponi dan l-umli appell, izda ghal xi raguni l-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li kienet se tirtira l-akkuzi;
4. Illi l-procedura kriminali nostrana hija bbazata fuq dik Ingliza, w skond il-gurisprudenza Ingliza l-prosekuzzjoni ma ghandiex is-setgha li tirtira citazzjoni. Fil-fatt il-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghti l-ebda dritt lill-Pulizija bhala prosekuzzjoni sabiex *sua sponte* tirtira xi akkuza jew citazzjoni, u ghaldaqstant la darba l-appellant kien diga` gie akkuzat ghax-xahar ta'

Ottubru, u l-akkuzi kienu gew irtirati, l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda dritt u kompetenza li terga tiddeciedi fuq ix-xahar ta' Ottubru 2010;
5. Illi fit-tieni lok il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha il-hin minn kull dubbju dettat mir-raguni, u f'dan il-kaz quddiem l-Ewwel Qorti xehdet Michelle Palmier u ezebit kuntratt tas-separazzjoni illi ma kien xejn hlief fotokopja li bl-ebda mod ma kienet awtentika;
6. Illi l-elementi tar-reat li dwarhu l-appellant qieghed jinterponi dan l-umli appell skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif espressa fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Cutajar" [2.9.1999] huma :- *"ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova :*
*1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)*
2. *li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma".*

7. Illi per di piu l-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikolu 638 subinciz (1) tghid illi "bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha w sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti ....."
8. Illi l-qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn dejjem insistiet li ghandha tingieb kopja legali tas-sentenza jew kopja awtentika tal-kuntratt ta' separazzjoni skond il-kaz;
9. Illi f'dan il-kaz allura wiehed mill-elementi tar-reat li dwarhu l-appellant instab hati ma giex ippruvat. Fid-dawl tal-gurisprudenza u tal-ligi nostrana fotokopja ta' kuntratt qatt ma tista` isservi bhala prova sufficjenti fil-Qorti Kriminali, u li se mai din il-prova kellha tigi kkunsidrata zgur li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni;
10. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal hawn fuq, il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija fil-massimu taghha w ghaldaqstant kienet wahda eccessiva;
11. Illi in konnessjoni ma dak li qieghed jintqal fl-ewwel erba' paragrafi hawn fuq ma huwiex car fuq liema perjodi

l-appellant gie misjub hati mill-Ewwel Qorti u ghaldaqstant l-appellant ihoss li ghandha tigi varjata w mnaqqsa;

12. Illi minn ezami tal-fedina penali tal-appellant jirrizulta li din kienet l-ewwel darba illi l-appellant xellef difrejh, u ghaldaqstant ghal din ir-raguni ukoll l-appellant ihoss li ghandha tigi varjata w mnaqqsa;

13. Illi l-appellant jifhem li l-fatt li huwa ghandu diffikultajiet finanzjarji ma jiskuzahx mill-obbligi tieghu u li r-rimedju tieghu hu li jottjeni varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni u li sakemm dan isir, huwa jibqa' marbut bl-ewwel kuntratt. Fid-dawl tal-fatt li huwa ghamel perjodu bla xoghol u issa fortunatament rega` sab xoghol sabiex ikun jista` jottempera ruhu mal-obbligi tieghu u apparti minn hekk ikun jista` jmantni z-zewg ulied minuri ohra tieghu, huwa tal-fehma li jkun ahjar jekk il-piena tigi varjata w mibdula f'multa w dan stante li jekk se jkolli jiskonta perjodu ta' detenzjoni dan se jerga` jitlef l-impjieg tieghu.

Ikkunsidrat :

Verbal tat-2 ta' Frar, 2012 l-Avukat tal-appellant u l-Avukat tal-parti civili nfurmaw lill-Qorti illi l-partijiet waslu fi ftehim, saru l-hlasijiet kollha imsemmija fic-citazzjoni u ma hemmx aktar pendenzi bejn il-partijiet.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant u martu Michelle izzewgu fit-22 ta' Frar, 1992 izda dan iz-zwieg ma rrnexxiex u eventwalment isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni. Wara xi zmien l-appellant kien talab xi varjazzjoni tal-istess kuntratt izda, ghalkemm gie awtorizzat jipprocedi b'kawza, skada t-terminu u l-appellant kellu jiftah il-kawza mill-gdid.

Kien propju fil-mori ta' din il-kawza illi gie akkuzat illi huwa naqas li jhallas lill-martu l-manteniment iffissat fil-kuntratt tas-separazzjoni originali.

B'sentenza moghtija fil-11 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal xahrejn detenzjoni.

Din il-qorti rat is-sentenza tal-Prima Stanza w ssib illi dina hija wahda studjata, kkunsidrata b'konkluzzjonijiet illi huma legali u ragjonevoli. Dana peress illi r-ragunamenti huma msejsa fuq il-principju illi s-sentenzi u digrieti tal-Qorti tal-Familja kif ukoll obbligazzjonijiet kuntrattwali ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament u huwa biss fil-kaz ta' varjazzjoni mill-Qorti kompetenti illi tali manteniment jista` jigi mibdul. Mill-bqija ma hemm l-ebda dritt arbitriu illi persuna tista` tiehu illi tkun kontra xi digriet jew obbligazzjoni kuntrattwali assunti. Pero` l-Qorti mhiex avversa ghall-ftehim illi sar bejn il-partijiet fil-mori ta' din il-kawza w filwaqt illi ma tbiddel xejn ghal dak li hija htija jkun kaz ta' temperament fil-piena.

Kif qalet il-kawza "Il-Pulizija vs Publius Said" fil-25 ta' Settembru 2003 *"l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1983 (bl-emenda tan-1986), kien illi ssir pressjoni fuq id-debituri ricalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss timpedixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan il-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ........"*

Dana huwa proprju dak illi gara f'dan il-kaz u fuq l-iskorta ta' din is-sentenza sejra tilqa` in parti l-appell b'varjazzjoni tal-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fejn tirrigwarda l-htija, tvarja ghal dak li jirrigwarda l-piena w flok xahrejn detenzjoni tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------